DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITA`
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2019**

## IL-ĦDAX-IL SENA IL-ĠEOGRAFIJA (Ġenerali) L-ISKEMA TA' MARKI

| Numru tal-mistoqsija | Marki | Tqassim tal-marki | Tweġibiet |
|---|---|---|---|
| 1 | 5 | | |
| 1(a) | 1 | Marka | termometri u igrometru. |
| 1(b) | 1 | Marka | biex jirrifletti s-sħana tax-xemx. |
| 1(c) | 1 | Marka | biex it-temperatura tal-art ma taffettwax it-temperatura tal-arja. |
| 1(d) | 1 | Marka | biex ikun hemm ċirkolazzjoni tajba tal-arja. |
| 1(e) | 1 | Marka | 'il bogħod minn siġar u bini. |
| 2 | 3 | | |
| 2 | 3 | Marka x 3 | Kondensazzjoni<br>Evaporazzjoni<br>Preċipitazzjoni |
| 3 | 3 | | |
| 3 | 3 | Marka x 3 |  |
| 4 | 4 | | |
| 4 | 4 | Marka x 4 | Fatturi mhux ħajjin (abijotiċi): ilma<br>Produtturi: ħaxix<br>Konsumaturi: ajkla<br>Dekompożituri: fungi |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **5** | **2** | | |
| **5** | **2** | **Marka x 2** | Temp<br>Klima |
| **6** | **6** | | |
| **6** | **6** | **Marka x 6** | <br>Termometru<br>X'ikejjel?<br>Temperatura<br><br>Anemometru<br>X'ikejjel?<br>saħħa tar-riħ<br><br>Pluvjometru<br>X'ikejjel?<br>Xita<br><br>Pinnur<br>X'juri?<br>Direzzjoni tar-riħ |
| **7** | **3** | | |
| **7 (a)** | **1** | **Marka** | Termometru jitpoġġa f'post B.<br>Anemometru jitpoġġa f'post C.<br>Pluvjometru jitpoġġa f'post C.<br>Pinnur jitpoġġa f'post C. |
| **7 (b)** | **2** | **Massimu ta' 2 marki għal raġuni spjegata fid-dettall** | Termometru jitpoġġa f'post B għax fl-ilqugħ ta' Stevenson ikun hemm ċirkolazzjoni ta' arja imma mhux xemx diretta.<br>Anemometru jitpoġġa f'post C ħalli ma jkunx hemm bini u siġar xi jtellef mis-saħħa tar-riħ.<br>Pluvjometru jitpoġġa f'post C ħalli ma jkunx hemm siġar u bini li jilqgħu x-xita.<br>Pinnur jitpoġġa f'post C ħalli ma jkunx hemm bini u siġar xi jfixklu d-direzzjoni tar-riħ. |
| **8** | **5** | | |
| **8** | **5** | **Massimu ta' 5 marki skont kif jidher fil-parenteżi** | Xita konvezzjonali<br>• Bis-sħana qawwija ta' matul il-jum (marka), l-arja sħuna u umda tespandi u togħla (marka) b'kurrenti ċirkolari (marka).<br>• Meta l-arja togħla, din tiksaħ (marka) u jifforma s-sħab tal-maltemp (marka). Dan iwassal biex tagħmel ix-xita li ġeneralment tinżel bil-qliel.<br><br>Xita orografika<br>• Ix-xemx tevapora l-ilma mill-baħar (marka).<br>• L-arja umda tersaq lejn l-art (marka) u jkollha togħla mal-muntanja (marka).<br>• Meta togħla, tiksaħ (marka), tikkondensa / tifforma sħab (marka) u tinżel ix-xita. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | Xita frontali<br>• Meta massa ta' arja sħuna u massa ta' arja kiesħa jiltaqgħu (marka), l-arja sħuna titla' fuq l-arja kiesħa (marka) għax hija eħfef (marka).<br>• Meta l-arja sħuna tibda togħla, tibda tiksaħ (marka) u tikkondensa (marka). |
| **9** | **5** | | |
| **9 (a)** | **2** | **Marka x 2** | L-ittra B tfisser pressjoni baxxa jew ċiklun.<br>L-ittra GĦ tfisser pressjoni għolja jew antiċiklun. |
| **9 (b)** | **3** | **Massimu ta' 3 marki skont kif jidher fil-parenteżi** | *Agħżel tlieta minn:*<br>Fil-post immarkat bl-ittra B:<br>• it-temp hu msaħħab<br>• x'aktarx tagħmel ix-xita<br>• it-temperatura tkun friska<br>• ikun xi ftit tar-riħ<br>Fil-post immarkat bl-ittra GĦ:<br>• it-temp hu bnazzi / xemxi<br>• ma hemmx riħ<br>• it-temperatura tkun friska |
| **10** | **10** | | |
| **10 (a)** | **4** | **Marka x 4** | (i) Pjanti indiġeni: Pjanti li ilhom snin twal jikbru b'mod naturali f'post.<br>(ii) Pjanti aljeni: Pjanti mhux indiġeni impurtati minn pajjiżi barranin.<br>(iii) Pjanti mhedda: Pjanti li jinsabu fil-periklu li jinqerdu u jispiċċaw għalkollox.<br>(iv) Pjanti estinti: Pjanti li ġew meqruda u spiċċaw darba għal dejjem. |
| **10 (b)** | **2** | **Marka x 2** | Eżempji ta' pjanta indiġena: iż-żebbuġa, ir-randa, is-siġra ta' Ġuda, iż-żnuber, is-sagħtar, l-iklin, eċċ.<br>*Aċċetta eżempji oħra tajbin.*<br>Eżempji ta' pjanta aljena: ir-riġnu, l-akaċja, l-ewkaliptus, eċċ.<br>*Aċċetta eżempji oħra tajbin.* |
| **10 (c)** | **4** | **Massimu ta' 4 marki skont il-punti li jissemmew** | Iż-żerriegħa tagħhom tinfirex ma' kullimkien, joktru malajr u ma tantx jistgħu jiġu kkontrollati.<br>Huma ta' theddida għax jinvadu widien u ekosistemi sħaħ u joħonqu s-siġar Maltin.<br>Uħud minn dawn il-pjanti jieħdu aktar ilma minn dawk indiġeni u b'hekk iżidu l-problema ta' nuqqas ta' ilma f'pajjiżna.<br>Pjanti aljeni ma joffrux abitat ideali għal ħlejjaq indiġeni u b'hekk jistgħu iwasslu għal tibdil fil-biodiversità ta' post. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **11** | **14** | | |
| **11 (a)** | **3** | **Marka x 3** | Ir-reġjun madwar il-Baħar Mediterran, Kalifornja, iċ-ċentru taċ-Ċili, l-Afrika t'Isfel, u d-distretti ta' Adelaide u Perth fl-Awstralja. |
| **11 (b)** | **5** | **Marka x 5** | Fil-Mediterran insibu klima bi sjuf sħan (marka) u xotti (marka) u xtiewi ftit kesħin (marka) u bix-xita (marka).<br>It-temperatura rari tinżel taħt iż-0°C (marka). |
| **11 (c)** | **6** | **2 marki x 3** | Tliet karatteristiċi minn:<br>• Weraq f'għamla ta' labar;<br>• Weraq ileqq u rqiq jew bajdani minn taħt;<br>• Għeruq ħoxnin u twal;<br>• Għamla baxxa u folta.<br>*Aċċetta karatteristiċi tajba oħra.* |
| **12** | **20** | | |
| **12 (a)** | **2** | **Massimu ta' 2 marki skont id-dettall li jingħata** | Riserva naturali huwa post protett (marka) minħabba tip ta' ambjent, flora u fawna importanti għall-biodiversità jew għax għandu importanza ġeoloġika (marka). |
| **12 (b)** | **6** | **Marka għall-eżempju u 5 marki għad-deskrizzjoni tal-ambjent** | *Eżempji ta' tweġibiet li jistgħu jingħataw:*<br>Ir-riserva naturali tal-Għadira jew tas-Salini (marka) għandhom ambjent ta' bur salmastru (marka) fejn ilma tax-xita jitħallat ma' ilma mielaħ (marka).<br>Il-flora li tikber f'dan l-ambjent trid tkun tiflaħ għal tibdil fis-salinità matul is-sena (marka). Il-bużaqq huwa l-unika ħuta li tgħix f'dan l-ambjent f'Malta (marka) u hija importanti għall-katina tal-ikel f'din ir-riserva (marka).<br>*Aċċetta tweġibiet tajba oħra.* |
| **12 (c)** | **2** | **Marka x 2** | Fir-riserva tal-Għadira jew tas-Salini nsibu siġar tal-bruka, il-bużaqq, il-garnija, eċċ.<br>*Aċċetta tweġibiet tajba oħra.* |
| **12 (d)** | **6** | **2 marki x 3** | *Tliet modi minn:*<br>Kaċċa illegali tista' teqred speċi protetti.<br>Pjanti aljeni jistgħu jikkompetu ma' pjanti indiġeni għall-ilma u nutrijenti fil-ħamrija.<br>Ħlejjaq aljeni, bħall-bumunqar aħmar tal-palm, jistgħu jattakkaw u jeqirdu pjanti u siġar indiġeni.<br>Użu mhux ikkontrollat ta' pestiċidi u erbiċidi jagħmlu ħsara lill-ispeċi ta' flora u fawna li jgħixu fir-riserva.<br>*Aċċetta tweġibiet tajba oħra.* |
| **12 (e)** | **4** | **Massimu ta' 4 marki** | Dawn l-għaqdiet volontarji jorganizzaw għadd ta' attivitajiet u korsijiet għall-pubbliku.<br>Joħorġu pubblikazzjonijiet biex jgħinu lill-pubbliku jsir jaf aktar dwar il-wirt naturali tal-gżejjer tagħna. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | Jorganizzaw attivitajiet għall-istudenti biex jitgħallmu dwar l-ambjent naturali Malti kemm fir-riservi u anke ġol-iskejjel.<br>Xi għaqdiet ambjentali, bħal Birdlife, jieħdu ħsieb xi wħud mir-riservi naturali. |
| **13** | **20** | | |
| **13 (a)** | **5** | **Marka għall-isem tal-belt u massimu ta' 4 marki għall-ispjegazzjoni.** | Kiev hija l-iktar belt sħuna (marka).<br>Hija aktar sħuna għax:<br>Kiev tinsab 'il bogħod mill-baħar (2 marki) għax l-art tisħon malajr fis-sajf u ssaħħan l-arja ta' fuqha (2 marki). |
| **13 (b)** | **6** | **Massimu ta' 6 marki għall-ispjegazzjoni.** | Londra hija l-iktar sħuna fix-xitwa għax tinsab viċin tal-baħar (2 marki). Il-baħar idum biex jitlef mis-sħana fix-xitwa (2 marki) b'hekk postijiet viċin tal-baħar ikollhom temperaturi aktar għoljin minn postijiet li jinsabu 'l bogħod mill-baħar (2 marki). |
| **13 (c)** | **6** | **Massimu ta' 6 marki għall-ispjegazzjoni.** | Malta tinsab f'latitudni aktar viċin l-Ekwatur mill-ibliet ta' Londra, Berlin, Varsavja u Kiev (2 marki). Iktar ma' post ikun viċin l-Ekwatur, iktar ikun sħun. Dan għax ir-raġġi tax-xemx jaslu dirett fuq l-Ekwatur u huma kkonċentrati fuq spazju żgħir. Fuq Malta, ir-raġġi tax-xemx huma aktar diretti u iktar ikkonċentrati milli fuq Londra, Berlin, Varsavja u Kiev. B'hekk it-temperatura medja ta' Malta fis-sajf hija aktar għolja (4 marki). |
| **13 (d)** | **3** | **Massimu ta' 3 marki.** | L-irdumijiet ta' Ħad-Dingli huma l-aktar postijiet għolja f'Malta (1). It-temperatura tonqos iktar ma' togħla 'l fuq mil-livell tal-baħar (2). |